Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imħallef Consuelo Scerri Herrera, LL.D., Dip Matr., (Can)

Appell Nru: 422 / 2018

Il-Pulizja

Vs

Louis Farrugia

Illum 30 ta' April 2019.

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellanti, Louis Farrugia detenur tal-karta tal-identita Maltija 870552 M, akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

Nhar id-9 ta' Mejju 2015, għall-ħabta tas-1:30pm, ġewwa l-konfini tal-fabbrika Dolphin Industrial Services Ltd. u/jew DIS Group of Companies u/jew tas-soċjetajiet sussidjarji tagħha u/jew fil-madwar, ġewwa il-Qasam Industrijali Ta' Kordin, Paola:

1. Fil-waqt li kien qed jagħmel reat kontra s-sigurta' tal-Gvern jew kontra l-persuna (minbarra omiċidju involontarju jew offiża involontarja fuq il-persuna) jew ta' serq jew ħsara fil-propjeta' (minbarra ħsara involontarja fil-propjeta') kellu fuq il-persuna tiegħu xi arma regolari jew munizzjon jew xi imitazzjoni ta' dawk l-oġġetti;

2. Żamm f'xi fond jew kellu fil-pussess tiegħu, taħt il-kontroll tiegħu jew ġarr barra minn xi fond jew fid-dintorni tiegħu xi arma/i tannar, jew munizzjoni elenkati fl-Iskeda II ta' l-Att 480, Att Dwar l-Armi, tal-Liġijiet ta' Malta u ċioe', pistola tal-marka CZ, numru ta' serje A267007, u senter tal-marka Benelli, numru tas-serje M647365, mingħajr ma kien kopert b'liċenzja ad hoc għall-dak l-iskop taħt l-istess Att.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali ta' nhar it-8 ta' Novembru, 2018, fejn il-Qorti wara li rat l-artikoli 5 (1), 14, 15, 19, 20, 22, 51 (1), 51 (2), 51 (6), 52, 55, 56, 61, 63 tal-Kapitolu 480 tal-Liġijiet ta' Malta u l-artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti sabet lil Louis Farrugia:

a. mhux ħati tal-ewwel imputazzjoni u minnha illiberatu minn kull ħtija u piena;
b. mill-banda l-oħra sabitu ħati tat-tieni imputazzjoni miġjuba kontra tiegħu.

Illi kwantu ta' piena, il-Qorti rat li f'każ ta' sejbien ta' ħtija għal reati taħt l-Att dwar l-Armi il-Qorti ma tistax tagħti pieni alternattivi bħal dawk taħt l-Att dwar il-Probation.[1]

Għaldaqstant tenut kont tan-natura, serjeta u kondotta tal-imputat, il-Qorti ikkundannatu għal perjodu t'erba' xhur priġunerija. Wara li rat l-Artikolu 28 A tal-Kodiċi Kriminali ordnat li din ma għandhiex tiġi fis-seħħ għajr jekk il-ħati jikkommetti reat ieħor li għalih hemm il-piena ta' priġunerija ai termini tal-Artikolu 28 B tal-Kodiċi Kriminali fi żmien sena mid-data ta' din is-sentenza.

Inoltre il-Qorti iddikjarat li hija spjegat lil ħati fi kliem sempliċi l-import ta' din is-sentenza u l-konsegwenzi msemmija fl-artikolu 28 B tal-Kodiċi Kriminali fis-sens li jekk jikkommetti reat fil-perjodu imsemmi din is-sentenza tkun tista' tiġi fis-seħħ.

Inoltre, ai termini tal-Artikolu 56 tal-Kapitolu 480 tal-Liġijiet ta' Malta il-Qorti ordnat wkoll il-konfiska tal-armi mertu ta' dan il-każ u ċioe pistola tal-marka CZ bin-numru

[1] jew li tinżel taħt il-minimu skont l-Artikolu 21 tal-Kodiċi Kriminali. Trid bilfors teroga sentenza ta' priġunerija jew multa skont il-każ.

serjali A267007 u senter tal-għamla Benelli bin-numru serjali M647365 kif ukoll tal-munizzjon li nstab flimkien ma dawn l-armi.[2]

Ai termini tal-artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali ikkundannatu iħallas l-ispejjez peritali ammontanti għal erba mija ħamsa u erbgħin Euro u sitta u tmenin ċenteżmu (€445.86).

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellati.

Rat l-atti kollha tal-kaz.

Rat ir-rikors tal-appell tal-appellant Louis Farrugia, prezentat fir-registru ta' din l-Onorabbli Qorti nhar l-5 ta' Dicembru, 2018, fejn talab lil din l-Onorabbli Qorti sabiex jogħġobha tirriforma s-sentenza msemmija billi tikkonfermaha f'dik il-parti fejn illiberatu mill-ewwel imputazzjoni u tirrevokaha fil-bqija u tilliberah minn kull htija u piena.

Rat illi l-aggravju jikkonsisti fil-fatt li l-kwistjoni ta' jekk effettivament l-esponent kienx licenzjat jew le hija, f'dan il-kaz, naxxenti principalment minn storpjatura fl-imputazzjoni addebitata u l-Qorti tal-Magistrati bbazat il-konsiderazzjonijiet taghha fuq l-imputazzjoni kif dedotta mill-Pulizija Ezekuttiva u mhux fuq id-dicitura tal-ligi.

Illi l-esponent gie akkuzat, *inter alia*, talli zamm f'xi fond jew kellu fil-pussess tieghu, taht il-kontroll tieghu jew garr barra minn xi fond jew fid-dintorni tieghu xi arma/i tan-nar, jew munizzjon elenkati fl-Iskeda II minghajr ma kien kopert b'licenza *ad hoc* ghal dak l-iskop taht l-istess Att.

Illi r-reat li tieghu l-esponent instab hati huwa dak kontemplat fis-subinciz (1) ta' l-artikolu 5 ta' l-Att dwar l-Armi li jghid testwalment hekk:

> "*…hadd ma ghandu jzomm f'xi fond jew ikollu fil-pussess tieghu, taht il-kontroll tieghu jew igorr barra minn xi fond jew fid-dintorni tieghu xi arma tan-nar, jew munizzjon elenkati fl-Iskeda II minghajr ma jkollu licenzja taht dan l-Att.*" (sottolinear ta' l-esponent)

[2] Fiċ-ċirkostanzi ta' dan il-każ, il-Qorti qegħda teżerċita d-diskrezzjoni tagħha u mhix tapplika d-disposizzjonijiet tal-Artikolu 57 tal-Kapitolu 480 fir-rigward tal-imputat.

Illi huwa skorrett li l-prosekuzzjoni tbiddel id-dicitura tal-ligi biex, kif jghid il-Malti, iggib il-bocca qrib il-likk. Dak li kellha tara l-Qorti kien biss jekk l-esponent kellux licenza sabiex izomm l-armi tan-nar u l-munizzjoni. L-interpretazzjoni ta' licenza hija kwistjoni ta' fatt u mhux ta' ligi u nuqqas ta' qbil fl-interpretazzjoni, fl-assenza ta' kundizzjoni cara u inekwivoka, ma tista' qatt twassal ghal responsabilita` kriminali.

Illi irrizulta mill-provi li l-esponent kellu iktar minn licenza wahda taht l-Att dwar l-Armi. Fosthom huwa kellu, fil-perijodu indikat fl-imputazzjonijiet, licenza li kienet tkopri, *inter alia*, pistola (A267007) u senter (M647365). Fil-mori tal-proceduri quddiem il-Qorti tal-Magistrati kien hemm nuqqas ta' qbil dwar l-interpretazzjoni ta' din il-licenza. Skond il-Qorti tal-Magistrati, "[h]uwa evidenti u <u>car mid-dicitura tal-licenzji u mill-interpretazzjoni taghhom</u> illi l-armi in kwistjoni huma regolati unikament taht il-licenzja personali ta' l-imputat li jindikaw b'mod car illi l-imputat m'ghandux is-setgha li jgorr l-armi in kwistjoni barra mid-dar hlief biex imur ir-*range* u lura biss" (sottolinear ta' l-esponent).

Illi l-esponent spjega li huwa kellu kompetizzjoni l-ghada ghand l-SAG u kien ser juza l-armi meritu tal-kaz. Ghalhekk, fl-opinjoni tieghu, kien pjenament in regola sabiex igorr dawk l-armi. L-opinjoni ta' PC 1563 Jerome Attard Flores kienet differenti u jidher car li l-Qorti tal-Magistrati strahet fuq l-interpretazzjoni moghtija minnu. Kien proprju ghalhekk li l-esponent, tramite l-avukat sottoskritt, issottometta li r-reat in kwistjoni huwa delitt li jirrikjedi l-prova ta' l-element formali u mhux biss ta' l-element materjali. A parti mill-fatt li l-esponent jemmen li l-element materjali ma giex ippruvat, l-element formali huwa certament nieqes in kwantu li jekk l-interpretazzjoni korretta – li tibqa' dejjem interpretazzjoni u xejn aktar – hija dik moghtija minn PC 1563 Jerome Attard Flores, dan certament ma jfissirx li, kif qalet il-Qorti tal-Magistrati, l-esponent kien konsapevoli li kien qed jikser il-licenzja. Anzi, kif inghad, il-provi juru proprju l-oppost. L-esponent ma ghandux jirrispondi ghan-nuqqas ta' kjarezza fil-kundizzjonijiet tal-licenza. Imkien ma jinghad fil-licenza li kellu jmur <u>dritt</u> mir-residenza tieghu ghal *range* licenzjat jew li dan it-tragitt kellu jsir <u>f'margini ta' hin limitat</u>. L-interpretazzjoni ta' l-esponent kienet altru milli ragonevoli u certament ma tmurx kontra d-dispost tas-subinciz (1) ta' l-artikolu 5 ta' l-Att dwar l-Armi.

Illi sabiex il-Qorti tal-Magistrati – esperta fid-dritt penali – waslet ghall-konkluzjoni li l-esponent kellu jinstab hati ta' dan ir-reat, ghamlet apprezzament approfondit ta' l-interpretazzjoni tal-licenzi moghtija minn PC 1563 Jerome Attard Flores u ezami approfondit ta' diversi disposizzjoni ta' l-imsemmi Att. Kien biss wara dan l-apprezzament u ezami li wasslet ghall-konkluzjoni li l-esponent ma kienx licenzjat ghal dak li ghamel. Wiehed jistaqsi: (1) Fin-nuqqas ta' dicitura cara fil-licenza l-esponent kellu jaghmel l-istess apprezzament u ezami approfondit? U (2) Fl-eventwalita` ta' risposta fl-affermattiv, jekk wara dan l-apprezzament u ezami approfondit huwa kien tal-fehma opposta, allura jista' jinghad li huwa kellu l-element formali rijkest u spjegat mill-Qorti tal-Magistrati.

Illi fl-aghar ipotesi ghall-esponent, dan huwa kaz ta' nuqqas ta' intendiment tal-kundizzjoni ta' licenza u mhux, kif qalet il-Qorti tal-Magistrati ksur konsapevoli u b'indifferenza tal-kundizzjoni tal-licenza. Ghalhekk qed jigi sottomess li l-esponent kellu jigi lliberat ukoll minn din l-imputazzjoni.

Ikkunsidrat;

Illi in breve, il-fatti kienu s-segwenti:

1. Illi nhar id-disgha (9) ta' Mejju tas-sena elfejn u hmistax (2015), il-Pulizija gew imsejjha sabiex jaghtu assistenza f'incident li kien inqala fil-fabbrika DIS li tinsab fil-qasam industrijali ta' Kordin;

2. Irrizulta li sid il-fabbrika l-appellant Louis Farrugia u ibnu Daniel Farrugia kienu qeghdin fil-fabbrika jaghmlu sorveljanza minhabba serqiet li kienu qeghdin isehhu regolarment f'din il-fabbrika biex jaraw jekk jaqbdux min kien fil-fatt responsabbli ghal dawn ir-reati;

3. Waqt li l-appellant u ibnu kienu fil-fabbrika innutaw il-bieb jinfetah fejn dahal Charles Spiteri ghal fuqhom u kif rawh saqsewh kif kien dahal u x'kien qed jaghmel hemmhekk u kien wiegeb li kien sema persuna tokrob bl-ugiegh barra l-fabbrika u qalilhom li wegghu xi haddiema;

4. Illi gie allegat li sehh aggrediment bejn dan Charles Spiteri u l-appellant u iben l-appellant fejn Charles Spiteri safa' imwegga. Charles Spiteri kien allega mal-Pulizija

li waslu fuq il-post li kienet giet sparata arma izda li ma kienx jaf jekk din kinitx sparata lejh jew fl-arja[3];

5. Kien ghalhekk li saret tfittxija fil-fabbrika u fil-vettura tal-appellant;

6. Mill-vettura tal-appellant gew elevati zewg armi tan-nar, senjatament pistola tal-marka CZ bis-serial number A267007 li nstabet taht is-seat tax-xufier bil-magazine taghha separat bit-tlettax il-balla go fih[4]. Filwaqt li fis-seat ta' wara instab senter tal-ghamla Benelli (M647365) kif ukoll kaxxa skratacc;

7. Il-munizzjoni rrizultat kompatibbli mal-armi misjuba;

8. Illi rrizulta li ghalkemm l-armi in kwistjoni kienu licenzjati f'isem l-appellant, il-proskuzzjoni allegat li dawn kienu specifikament ghall-uzu u ghall-gar ghar-range u li skont il-prosekuzzjoni dawn kellhom jinzammu fir-residenza tal-appellant u jinhargu biss biex jittiehdu r-range u lura lejn id-dar;

9. Ghalhekk inhargu l-imputazzjonijiet fil-konfront tal-appellant;

Ikkunsidrat ulterjorment,

Illi l-partijiet kienu fis-seduta tal-wiehed u tletin (31) ta' Jannar tas-sena 2018 qablu li l-ewwel imputazzjoni ma tistax tissusisti in kwantu l-elementi tar-reat fic-cirkostanzi ta' dan il-kaz ma jistghux jissustixxu. L-Ewwel Qorti ma sabitx lill-imputat hati tal-ewwel imputazzjoni u lliberatu minnha izda sabet lill-akkuzat hati tat-tieni imputazzjoni. Din it-tieni imputazzjoni taqra:

*'zamm f'xi fond jew kellu fil-pussess tieghu, taht il-kontroll tieghu jew garr barra minn xi fond jew fid-dintorni tieghu xi arma/i tan-nar, jew munizzjon elenkati fl-Iskeda II ta' l-Att 480, Att Dwar l-Armi, tal-Ligijiet ta' Malta u, cioe', pistola tal-marka CZ, numru tas-serje A267007, u senter tal-marka Benelli, numru tas-serje M647365, minghajr ma kien kopert b'licenza ad hoc ghall-dak l-iskop taht l-istess Att.'*

L-appellant jissottometti li l-aggravju jikkonsisti fil-fatt li l-kwistjoni ta' jekk effettivament l-appellant kienx licenzjat jew le hija, f'dan il-kaz, naxxenti principalment minn storpjatura fl-imputazzjoni addebitata u l-Qorti tal-Magistrati

---

[3] Charles Spiteri baqa' ma xehdtx f'dawn il-proceduri stante li fis-sitta (6) ta' Ottubru tas-sena elfejn u hmistax (2015) kien iddecieda li ma jixhidx minhabba proceduri kriminali li kienu ser jittiehdu kontrih.

[4] Skont l-Ispettur Spiridione Zammit li xehed fis-sitta (6) ta' Ottubru tas-sena elfejn u hmistax (2015)

bbazat il-konsiderazzjonijiet taghha fuq l-imputazzjoni kif dedotta mill-Pulizija Ezekuttiva u mhux fuq id-dicitura tal-ligi.

Jissottometti li ghalkemm gie akkuzat li kellu arma tan-nar jew munizzjoni '*minghajr ma kien kopert b'licenza ad hoc ghal dak l-iskop taht l-istess Att.*', ir-reat li l-appellant instabt hati huwa kkontemplat fis-subinciz (1) tal-artikolu 5 tal-Att dwar l-Armi li jghid:

'*Mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet l-oħra ta' dan l-Att, ħadd ma għandu jżomm f'xi fond jew ikollu fil-pussess tiegħu, taħt il-kontroll tiegħu jew iġorr barra minn xi fond jew fid-dintorni tiegħu xi arma tan-nar, jew munizzjon elenkati fl-Iskeda II mingħajr ma jkollu liċenzja taħt dan l-Att.*'

Skont l-appellant dak li kellha tara l-Qorti kien biss jekk l-appellant kellux licenzja sabiex izomm l-armi tan-nar u l-munizzjoni. Skont l-appellant, l-interpretazzjoni ta' licenzja hija kwistjoni ta' fatt u mhux ta' ligi u nuqqas ta' qbil fl-interpretazzjoni, fl-assenza ta' kundizzjoni cara u inekwivoka, ma tista' qatt twassal ghal responsabbilta' kriminali.

L-appellant jissottometti li kellu kompetizzjoni l-ghada ghand l-SAG u kien ser juza l-armi mertu tal-kaz. Ghalhekk, kien pjenament in regola sabiex igorr dawk l-armi. Skont l-appellant, l-Ewwel Qorti strahet fuq l-interpretazzjoni differenti moghtja minn PC 1563 Jerome Attard Flores. L-appellant issottometta li r-reat huwa delitt li ghalhekk jirrikjedi l-prova tal-element formali u mhux biss tal-element materjali. Jissottometti li apparti mill-fatt li l-appellant jemmen li l-element materjali ma giex ippruvat, l-element formali huwa certament nieqes in kwantu li jekk l-interpretazzjoni korretta hija dik moghtija minn PC 1563 Jerome Attard Flores, dan certament ma jfissirx li l-appellant kien konsapevoli li kien qed jikser il-licenzja. Skont l-appellant, huwa ma ghandux jirrispondi ghan-nuqqas ta' kjarezza fil-kundizzjonijiet tal-licenza. Jissottometti li imkien fil-licenzja ma jinghad li kellu jmur dritt mir-residenza tieghu ghal range licenzjat jew li dan it-tragitt kellu jsir f'margini ta' hin limitat.

Jissottometti li fl-aghar ipotesi dan huwa kaz ta' nuqqas ta' intendiment tal-kundizzjoni ta' licenzja u mhux kif qalet il-Qorti tal-Magistrati ksur konsapevolu u b'indifferenza tal-kundizzjoni tal-licenza.

Ikkunsidrat;

Illi **PS 1257 Konrad Ellul** fix-xhieda tieghu tad-disgha (9) ta' Gunju 2015 spjega li Charles Spiteri '*Qalli ħarġu tnejn minn nies u qalli f'daqqa u l-ħin smajt arma tfaqqa', qalli dak il-ħin dort biex naħrab nigri u qalli smajt tir, qalli ma nistax nikkonferma jekk it-tir gie sparat lejja jew fl-arja, kif kont għadni fuq il-post ġejt mitkellem mill-Pulizija ta' l-RIU li kienet saret search f'vettura Mitsubishi Pajero bin-numru ta' reġistrazzjoni ABN 428 fejn go din il-vettura kienet instabet arma tan-nar wara s-seat ta' l-passiggier kif ukoll il-magazine kien taħt is-seat u go l-magazine kien hemm balla u fuq wara ta' l-istess vettura kien hemm senter go l-pouch u kaxxa skrataċċ li la naf kien fiha disa' u lanqas għaxar skrataċċ li kienet qiegħda barra mil-pouch pero' wara ukoll u dak il-ħin infurmajt lil Ispettur tiegħi, l-Ispettur Spiridione Zammit fejn immedjatament gie fuq il-post.*' Ikkonferma li l-karozza kienet licenzjata f'isem Louis Farrugia u instabet quddiem il-fabbrika.

**PC 131 Nathan Bugeja** li xehed fis-seduta tad-disgha (9) ta' Gunju, 2009 xehed li Charles Spiteri 'Beda jippuntali lejh u beda jgħidli dak armat, dak armat , kien ftit '*il bogħod minnha Louis, waslet karozza oħra u kien hemm PC 869 ħdejja f'dan il-ħin, mort kellimt lil Louis għidlu Louis, għidlu qed jindikalna li x'aktarx għandek xi arma tan-nar fuqek, saqsejtu jekk għandux fuq persuntu u qalli le, fittixtlu fuqu fejn dak il-ħin fuqu ma sibtlu xejn, sibnielu c-cwievet ta' l-fabbrika u kif ukoll ta' l-vettura tiegħu li kienet Mitsubishi Pajero ABN 428 u kienet ipparkjata fejn il-fabbrika. Infurmanieh biex jiġi magħna , gie magħna Louis, saqsejnieh għandux xi armi go l-vettura minħabba li konna ser nagħmlu tfittxija u dan qalilna iva għandi xi armi tan-nar fil-vettura minħabba li għandi s-safe go l-fabbrika u kont ser nitfagħhom hawn, ftaħt il-bieba tax-xufier, bdejt is-search għamilt is-search jiena u taħt is-seat ta' x-xufier sibt pistola, wara s-seat eżatt sibt magazine ta' l-istess pistola b'xi bullets go fiha, ma għaddejnihomx dak il-ħin, ħallejna kollox kif sibnieh u kif ukoll fil-bagoll kellu senter, shot gun, is-senter kien vojt, go fiha skont kif indikalna hu ma missejna xejn aħna, go kaxxa separata kellu xi skrataċċ għadhom intatta.*'

**L-Ispettur Joseph Mercieca** li xehed fid-disgha (9) ta' Gunju ,2015 xehed ukoll li '*Il-Mitsubishi kienet irreġistrata f'isem Daniel Farrugia, it-tifel ta' l-imputat Louis Farrugia u minn dak li jirriżultali li l-karozza tinstaq mit-tifel, rigward l-armi jiena jirriżultali li l-armi kienu liċenzjati u apparti minn hekk l-imputat huma mitħla sew ta' l-armi għax sa fejn naf jien huwa ukoll range officer, shooting range officer. Jiena hawn hekk qed nippreżenta Sur*

*Magistrat ir-records tagħna mid-data, print out tad-data tagħna li l-karozza fil-fatt ABN 428 il-Mitsubishi Pajero tgħajjat lil Louis Farrugia skuzani, lil Louis Farrugia tgħajjat il-karozza mhux lil Daniel.'*

A fol 113[5] gie prezentat affidavit ta' Stephen Cachia impjegat fid-Direttorat ghat-Trasport fuq l-Art fi hdan l-Awtorita' ghat-Trasport f'Malta fejn iddikjara li l-vettura tar-registrazzjoni ABN 428 tal-marka Mitsubishi Pajero hija registrata fuq Louis Farrugia detentur tal-karta tal-identita' numru 870552(M). Dan ukoll kif jirrizulta mid-dokumentazzjoni a fol 114. Karen Cremona in rapprezentanza ta' Transport Malta fis-seduta tas-sbatax (17) ta' Mejju tas-sena elfejn u sittax (2016) ikkonfermat ukoll li din il-vettura bir-registrazzjoni ABN 428 kienet registrasta f'isem Louis Farrugia. Hija prezentat Dok KC 1 li jinsab a fol 134.

**L-Ispettur Spiridione Zammit** li xehed fis-sitta (6) ta' Ottubru, 2015 spjega li '*kienet saret tfittxija go din l-imsemmija vettura, kienet instabet pistola ta' l-marka CZ serial number A267007 u kif ukoll shot gun Benelli serial number M647365, il-pistola kienet instabet taħt is-seat ta' l-passiggier bil-magazine tagħha separat bi tlettax il-balla go fih ta' 9 mm, dawn kienu instabu wara s-seat. L-imsemmi senter li għadni kemm semmejt kien instab fil-luggage booth ta' l-vettura b'xi għaxar cartridges go kaxxa.*' PC 1359 Reuben Zammit fl-affidavit tieghu spjega li l-persuna '*qalilna li kien hemm zewg persuni li tawh xi daqqiet b'injama u li setghha kellhom anki xi armi tan-nar fuqhom ukoll.*' Fl-istess affidavit iddikjara ukoll li '*Wara li saret tfittxija mill-kollega tieghi PC 131 Nathan Bugeja w PC 869 Kurt Gauci fil-vettura ta' l-imsemmija propjetarji tal-fabrika, instabu xi armi tan-nar fejn gew sekwestrati minnufih.*'

Illi fis-seduta tat-tmienja u ghoxrin (28) ta' Novembru, 2017 id-difiza vverbalizzat ukoll li '*It-tieni imputazzjoni tirrizulta li kontra dak imsemmi fl-imputazzjoni, hu kopert bil-licenzja mahruga mill-Kummissarju tal-Pulizija biex jagixxi ta' dealer skont Kapitolu 480, mill-istess fabbrika fejn allegatament sehh dan l-incident*'. Il-partijiet kienu qablu 'li l-indirizz KW38, Corradino Estate, Paola hu l-istess indirizz imsemmi fl-imputazzjoni.' Fit-tahrika tal-kawza bhala indirizz tnizzel '*gewwa il-konfini tal-fabbrika Dolphin Industrisl Services Ltd. u/jew DIS Group of Companies u/jew tas-socjetajiet sussidjarji taghha u/jew fil-madwar, gewwa il-Qasam Industrijali Ta' Kordin, Paola;*' Kien ghalhekk li

---

[5] Din il-Qorti meta qieghda tirreferi ghal numri tal-fol, qieghda tirreferi ghan-numru li jidher bit-timbru ahmar.

l-Ewwel Qorti kienet ordnat li jitla' rapprezentant tal-Ufficju tal-Armi biex wara li jkun ghamel verifiki, jiddikjara jekk l-imputat kellux licenzja li jbiegh armi tan-nar mill-indirizz imsemmi fl-imputazzjoni fil-jum li allegatament sehh dan ir-reat.

Meta xehed il-**Kuntistabbli 1563 Jerome Attard Flores** stazzjonat l-Ufficju tal-Armi Pulizija Head Quarters fis-seduta tat-tmienja (8) ta' Jannar 2018, ghalkemm ikkonferma li l-appellant kellu licenzja biex ibiegh armi ossia kellu dealer licence li kienet fl-indirizz KW38, Corradino Industrial Estate, Paola, spjega li skont l-istock registers ma kienx hemm armi x'ibiegh u li ghalhekk l-armi kienu tieghu personali. Fost spjegazzjonijiet ohra, spjega li fil-licenzja personali tal-appellant '*għandu mela biex izomm armi għal-target shooting jew kaċċa. Għaz-zamma biex izommhom id-dar u għandu żewġ liċenzji oħra biex joħrog jew b'arma tal-black powder jew shotgun jew arma tan-nar twila jew qasira minn jew għar-range liċenzjat. Bażikament il-liċenzja hija ttik permess biex tuża l-arma biex teħodha mid-dar għal fuq ir-range tuzaha u terġa tmur lura mill-ewwel id-dar biha. Mhux li toqgħod tiġri biha freely.*' Mistoqsi jekk hemm kundizzjoni jew hijiex interpretazzjoni tieghu wiegeb li hija interpretazzjoni tal-ligi tal-kapitolu 480. Xehed li l-appellant ma kellux armi fuq l-istock biex ibieghom u li l-armi li kellu kienu tal-appellant personali. Ikkonferma li l-armi in kwistjoni '*suppost jinzammu fl-indirizz li għandu miktub hawnhekk li huwa one, one, two Hudersfield, Triq Kananea, Ħat-Attard, Malta.*' Mistoqsi hijiex parti mill-istock li ghandu l-imputat ghal bejgh, wiegeb li '*Le qeghdin imnizzlin fuq il-liċenzja personali tieghu*' Meta mistoqsi xi jrid jaghmel biex jiehodhom fl-istrong room li d-difiza tghid li l-appellant ghandu Corradino, wiegeb '*Irrid jagħmel dak li aħna nsejħulu trasferiment li l-arma ddur minn fuq ismu għal fuq l-istock register.*' Mistoqsi '*Dawk iż-żewġ armi li ndikalek s-Sur Mercieca u tkellimna fuqhom dawn. Dawn jistgħu jkunu barra, barra t-triq għandu f'xi ħin? Dawn l-armi u jekk jista' x'inhuma l-kundizzjonijiet biex ikunu jistgħu jkunu ġo idejh jew ġo xi vettura jew whatever?*' Wiegeb '*Mela f'dan il-kaz partikulari Sur Maġistrat l-armi ndikata mis-Sur Mercieca huma żewġ armi li jistgħu juzahom għal fuq ir-range biex jipprattika l-isports target shooter A jew B f'dan il-kaz u juzuhom biss kemm joħroġhom mid-dar imur fuq ir-range u jerġa jmur lura fl-inqas triq possibli biss.*'

Id-dokument prezentat mid-difiza a fol 171 jikkonferma li l-akkuzat kien awtorizzat ghal Target Shooter B '*GHALL-GARR TA' ARMA 'BLACK POWDER' U 'S/GUN' MINN U GHAL 'RANGE' LICENZJAT*', '*GHAZ-ZAMMA TA' ARMA TAN-NAR*

*GHAL 'TARGET SHOOTING' JEW KACCA'* u *'TARGET SHOOTER A (LONG/SHORT FIREARM): GĦALL-GARR TA' ARMA TAN-NAR TWILA/QASIRA MINN U GHAL 'RANGE' LICENZJAT'*. L-istesss huwa kkonfermat fid-dokument a fol 32. Fid-dokument a fol 172, l-arma in kwistjoni bin-numru 'A267007' hija imnizzla taht l-intestatura '*Armi tan-nar ghall-garr/uzu biss ghal TARGET SHOOTER A*' bl-ingliz '*Firearms to be carried/used soley for the purpose of TARGET SHOOTER A*' filwaqt li l-arma in kwistjoni l-ohra bin-numru 'M647365' hija mnizzla taht l-intestatura '*Armi tan-nar ghall-gar/uzu biss ghal TARGET SHOOTER B.*' Bl-ingliz imnizzla taht '*Firearms to be carried/used solely for the purpose of TARGET SHOOTER B*'. L-istess huwa kkonfrmat mid-dokument a fol 43.

**WPC 170 Marlene Vella** fis-seduta tad-disgha (9) ta' Gunju 2015 ikkonfermat li l-akkuzat '*huwa liċenzjat għal pit shooter A u B u biex iżomm, hawn to keep u nhar is-Sibt daħħal application biex jixtri l-arma.*' Mistoqsija jekk biex igorr arma minn post ghal iehor wiegbet '*Le ma hemmx it-target shooter A u B u li jista' jgorrha u li jafu huma mid-dar għar-range u mir-range għad-dar.*'

Illi ghalhekk jirrizulta li l-appellant ghalkemm kien licenzjat biex izomm l-armi in kwistjoni, dawn kellhom jintuzaw biss ghar-range licenzjat jigifieri li kienu licenzjati biex jingarru minn u ghar-range licenzjat u li ghalhekk l-appellant ma setghax ikun fil-pussess tal-armi in kwistjoni kull fejn xtaq hu nonostante l-fatt li dawn kienu licenzjati f'ismu.

Ikkunsidrat;

Illi ssir referenza ghall-**artikolu 5(1) tal-Kapitolu 480** li jaqra li:

'*Mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet l-oħra ta' dan l-Att, ħadd ma għandu jżomm f'xi fond jew ikollu fil-pussess tiegħu, taħt il-kontroll tiegħu* ***jew iġorr barra minn xi fond*** [6]*jew fid-dintorni tiegħu xi arma tan-nar, jew munizzjon elenkati fl-Iskeda II mingħajr ma jkollu liċenzja taħt dan l-Att.*' (Emfazi u sottolinear mizjud minn din il-Qorti)

Filwaqt li f'l-**artikolu 5(6)** tal-istess Att hemm provdut li:

'*Arma tan-nar li dwarha tinħareġ liċenzja taħt dan l-artikolu għal sparar bil-mira -*

[6] Emfazi u sottolinear mizjud minn din il-Qorti.

*(a) tkun tista' biss tinġarr waqt attività ta' sparar ġewwa kamp jew faċilità tal-isparar li jkollhom liċenzja kif ukoll lejn u minn dak il-kamp jew faċilità f'dak il-perjodu ta' żmien skont ma jista' jiġi stabbilit, qabel u wara dik l-attività sportiva;*

*(b) għandha tinżamm skargata u b'mod sigur filwaqt li tkun qiegħda tinġarr lejn u minn kamp jew faċilità kif hawn qabel imsemmi.*

L-**artikolu 22** tal-istess Att jaqra:

*(1) Il-Kummissarju jista' jawtorizza t-trasferiment temporanju ta' armi regolari jew munizzjon skont regolamenti li l-Ministru jista' jagħmel minn żmien għal żmien.*

*(2) Mingħajr preġudizzju għall-ġeneralità tas-subartikolu (1), kull min ikun irid jittrasferixxi xi arma regolari jew munizzjon minħabba f'xi bdil ta' residenza, sew permanenti sew temporanja, jista' jitlob emenda fil-permess jew fil-liċenzja sakemm id-detentur tal-liċenzja jagħti avviż ta' ħmistax-il ġurnata bil-quddiem dwar dik il-bidla li jkun bi ħsiebu jagħmel.'*

Interessanti huwa l-**artikolu 51(2)** li jipprovdi li:

*'Kull min jikser l-artikolu 5(1) ikun ħati ta' reat u jista', meta jinsab ħati, jeħel priġunerija għal żmien mhux inqas minn tliet xhur u mhux iżjed minn ħames snin:*

*Iżda meta l-kundanna jkollha x'taqsam ma' pussess ta' armi regolari jew munizzjon ġewwa xi fond jew il-ksur jitqies bħala wieħed żgħir ħafna mill-Qorti, u wara li titqies xi tkun il-kwantità jew il-kwalità tal-armi tan-nar jew tal-munizzjon il-Qorti tkun sodisfatta li dawn ma kienux qeghdin hekk jinżammu għall-bejgħ jew għal xi xorta ta' negozju ieħor jew inkella biex isir użu minnhom kontra l-liġi, il-ħati jista' jeħel multa ta' mhux anqas minn sitt mija u tmienja u disgħin euro u wieħed u tmenin ċenteżmu (698.81) jew priġunerija għal żmien mhux iżjed minn tliet xhur jew dik il-multa u priġunerija flimkien:*

*Iżda wkoll meta l-kundanna taħt l-artikolu 5(1)* ***tkun tirrigwarda l-pussess ta' arma tan-nar barra minn xi fond*** *u r-reat ikun sar minħabba fil-bżonn attwali tad-difiża leġittima tiegħu nnifsu jew tad-difiża leġittima ta' ħaddieħor, il-ħati ma jeħel ebda piena.'* (Emfazi u sottolinear mizjud minn din il-Qorti)

Il-parti sottolineata tikkonferma li kundanna taht l-**artikolu 5(1) tal-Kapitolu 480** tikkonkludi ukoll fejn persuna ghalkemm licenzjata biex tipposjedi arma tan-nar, din tkun tkun barra minn xi fond u ghalhekk tikkonferma restrizzjoni dwar fejn

ghandhom jinzammu l-armi. Dan l-ahhar proviso jipprovdi ukoll li jekk ir-reat ikun sar minhabba bzonn attwali tad-difiza legittima tieghu innifsu jew ta' haddiehor, il-hati ma jehel ebda piena.

Ikkunsidrat ulterjorament;

Illi l-appellant jissottometti li huwa skorrett li l-prosekuzzjoni tbiddel id-dicitura tal-ligi. Skont l-appellant dak li kellha tara l-Qorti kien biss jekk l-appellant kellux licenza sabiex izomm l-armi tan-nar u l-munizzjoni. Skont l-appellant l-interpretazzjoni ta' licenza hija kwistjoni ta' fatt u mhux tal-ligi u nuqqas ta' qbil fl-interpetazzjoni, fl-assenza ta' kundizzjoni cara u inekwivoka ma tista' qatt twassal ghal responsabilta' kriminali. Din il-Qorti ma taqbilx mal-appellant li dak li l-Ewwel Qorti kellha taghmel kien biss li tara jekk l-appellant kellux licenzja sabiex izomm l-armi tan-nar u l-munizzjoni. Kemm it-tieni imputazzjoni kif ukoll l-artikolu 5(1) tal-Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi ghas-segwenti projbizzjonijiet u cioe' li 'ħadd ma għandu jżomm f'xi fond jew ikollu fil-pussess tiegħu, taħt il-kontroll tiegħu jew iġorr barra minn xi fond jew fid-dintorni tiegħu xi arma tan-nar, jew munizzjon elenkati fl-Iskeda II minghajr ma jkollu liċenzja taħt dan l-Att'. Li ghalhekk ifisser li jekk persuna jkollha arma licenzjata f'isimha izda li din tinstab barra xi fond, dan ikun bi ksur tal-artikolu 5(1) tal-Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta' Malta.

Din il-Qorti ma ssib xejn x'ticcensura fil-mod ta' kif il-prosekuzzjoni ippostulat it-tieni akkuza li hija riflessjoni ta' dak li jipprovdi l-artikolu 5(1) tal-Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta' Malta ghajr li minflokk il-kliem 'mingħajr ma jkollu liċenzja taħt dan l-Att' li jinsabu fl-artikolu 5(1) tnizzlu l-kliem '*minghajr ma kien kopert b'licenza ad hoc ghall-dak l-iskop taht l-istess Att.*'

Jirrizulta li l-appellant kellu l-licenzja tal-armi in kwistjoni u li dawn kienu ghal gar u uzu biss ghal target Shooter B u iehor ghal target Shooter A. Li kien ifisser li dawn kellhom jittiehdu mir-range u lura u ma kellhomx jintuzaw jew jinzammu f'post iehor. Dawn ir-restrizzjonijiet huma krucjali *ai fini* ta' protezzjoni u sigurta'. Ghalkemm l-atti fil-process verbali jaghtu x'jifhem li l-appellant kien ser jigi akkuzat b'pussess ta' armi minghajr licenzja, il-kwistjoni mhijiex jekk l-appellant kellux licenzja filfatt jirrizulta li l-armi in kwistjoni kienu licenzjati f'ismu izda l-kwistjoni kienet li dawn kienu licenzjati sabiex jingarru minn u lejn ir-range u li minflokk

instabu fil-vettura tal-appellant faccata l-fabbrika fejn huwa kien licenzjat u registrat bhala dealer.

WPC 170 Marlene Vella u l-Kuntistabbli 1563 Jerome Attard Flores kkonfermaw li l-armi in kwistjoni kellhom jinzammu fir-residenza ghajr ghal meta dawn jingarru minn u ghar-range. Ghalhekk gialadarba dawn instabu fil-vettura tal-appellant faccata il-fabrika f'Ta' Kordin, Paola, dawn ma kienux qeghdin jigu misjuqa minn jew lejn ir-range. L-appellant jissottometti li l-interpretazzjoni ta' licenzja hija kwistjoni ta' fatt u mhux ta' ligi u nuqqas ta' qbil fl-interpretazzjoni, fl-assenza ta' kundizzjoni cara u inekwivoka, ma tista' qatt twassal ghal responsabilta' kriminali. Jissottometti li imkien ma jinghad fil-licenzja li kellu jmur dritt mir-residenza tieghu ghal range licenzjat jew li dan it-tragitt kellu jsir f'margini ta' hin limitat. Skont l-appellant l-interpretazzjoni tieghu kienet altru milli ragonevoli u li skontu certament ma tmurx kontra d-dispost tas-subinciz (1) tal-artikolu 5 tal-Att dwar l-Armi. Mid-dokumentazzjoni esebita jirrizulta car li l-armi kienu intizi biss sabiex jingarru ghar-range u lura u biex jintuzaw ghar-range u li ghalhekk l-appellant la darba kif stqarr hu stess kellu kompetizzjoni l-ghada anke jekk din il-Qorti kellha temmen il-verzjoni tieghu li kellu f'mohhu li jqatta l-lejl il-fabbrika huwa kellu jmur jigbor l-armi l-ghada u jibqa' sejjer bihom ir-range u mhux jiehodhom mieghu lejn il-fabbrika biex umbghad l-ghada jibqa' sejjer bihom ir-range. Id-dokumentazzjoni tipprovdi ghall-indirizz fejn jirrisjedi l-appellant u anke jekk din il-Qorti kellha tikkunsidra li ma hemmx kundizzjoni specifika fil-licenzja li tiprovdi esplicament li dawn kellhom jinzammu id-dar, ghajr li fid-dokumentazzjoni relevanti fejn huma ndikati l-armi in kwistjoni jirrizulta l-indirizz residenzjali, jibqa' l-fatt li dawn kienu licenzjati sabiex jingarru minn u ghal range licenzjat u gialadarba l-appellant dak in-nhar ma kienx fi triqtu lejn ir-range, dan kien bi ksur tal-licenzja u tal-ligi stess. Dan nonstante l-fatt li skont ma jirrizulta mill-verbal tal-wiehed u tletin (31) ta' Jannar tas-sena elfejn u tmintax (2018) il-partijiet qablu li l-ghada ta' dan l-incident kien hemm avveniment ta' kompetizzjoni ta' sparar fil-kwarteri ta' Kandia tal-Pulizija.

Ghalhekk dak li din il-Qorti jonqosha tikkunsidra huwa jekk l-akkuzat kellux l-intenzjoni ossia l-att formali sabiex jissusisti r-reat. Din il-Qorti sejra ghal dan il-ghan taghmel referenza ghal dak li l-appellant qal a tempo vergine lil Pulizija li marru fuq il-post, dak li ddikjara fl-istqarrijiet rilaxxati minnu u ghal dak li xehed

quddiem l-Ewwel Qorti. Fl-istqarrija datata d-disgha (9) ta' Mejju tas-sena elfejn u hmistax (2015) li tinsab a fol 000016 et sequitur l-appellant stqarr '*Jiena nghid li veru kelli il-pistola fuqi, minghajr magazine. Voldieri ma kien fiha l-ebda bullets, u kienet fi hziemi fuq wara. Jien l-arma fl-ebda hin ma hrigtha u kienet fuqi biex qed nigi rinfaccjat minn xi erba' minn nies almenu jkolli biex niddefendi ruhi. Jien naccertak li qatt ma sparajt dik l-arma.*' Qal ukoll li '*jien range officer. L-ahhar li kont fuq ir-range il-bierah tlura, nhar il-Hamis, 7 ta' Mejju, 2015. Jien inkun il-Victoria Shooting Range, il-Handaq.*' Fl-istess stqarrija, meta mistoqsi '*Ara mill-karozza tieghek il-pulizija elevat senter Benelli. Dak tieghek l-ewwelnett?*' wiegeb '*Dak tieghi, registrat fuqi. Anke il-pistola tieghi u registrata fuqi. Dawk hadthom mieghi biex inhallihom fl-istrong room li ghandi fl-istess fabbrika.*' Mistoqsi '*Imma int anke skratac kellek fuqek, nghid sew?*' wiegeb '*Mhux se tiehu s-senter minghajr skratac. Nghidlek il-verita jien kelli hsieb li naghmel il-lejl hemm pero' imbghad l-affarijiet gew kif gew. Mhux ser tmur ghall-lejl b'idek f'idek hemmhekk.*' Filwaqt li fl-istqarrija rilaxxata mill-appellant fil-hmistax (15) ta' Mejju tas-sena elfejn u hmistax (2015) li tinsab a fol 20 et sequitur meta mistoqsi '*Wara li cempiltu l-pulizija w ikkalma l-incident int x'ghamilt bil-pistola?*' wiegeb '*Poggejtha fil-karozza.*'

Fil-Current Incident Report a fol 24 et sequitur, senjatament a fol 25 fost fatti ohra tnizzel ukoll li '*Fuq il-post wasslu Pc 190, Pc 606, Pc131, Pc1359, Pc 674, u pc 869 mit-taqsima ta'l-RIU. Saret tfittxija fil-vettura tas-sinjuri Farrugia li kellhom vettura ta' tip Mitsubishi Pajero bin-numri tar-registrazzjoni ABN428. Gol-vettura nstab li tahty is-seat tax-xufier kien hemm arma tan-nar u wara seat kien hemm il-magazine taghha Gol-magazine kien jidher li kien hemm balla filwaqt li fuq wara ta' l-istess vettura kien hemm shotgun fil-pouch li kien vojt u kien hemm kaxxa ta' l-iskratac li kien fiha 10 skratac godda fiha. Dawn gew elevati mill-Pulizija....*'

PC 131 Nathan Bugeja fid-disgha (9) ta' Gunju, 2015 xehed ukoll li meta mar fuq il-post '*saqsejnieh għandu xi armi go l-vettura minħabba li konna ser nagħmlu tfittxija u dan qalilna iva għandi xi armi tan-nar fil-vettura minħabba li għandi s-safe go l-fabbrika u kont ser nitfagħhom hawn,*'.

Meta l-appellant xehed quddiem l-Ewwel Qorti fil-wiehed u tletin (31) ta' Jannar, 2018 spjega li hu u ibnu kienu preparati biex jaghmlu lejl il-fabrika. Spjega li '*jiena hemmhekk illicenzjat biex nbiegh l-ammunition u biex nzomm l-armi . Ghandi l-strong room u ghandi kollox . Ma ilhaqtx dahhalt l-karozza ghax qadtlek jien ghax konnha ghadna bla*

*dawl dakinar - Kont niftah minn gewwa , ndahhala gewwa ghax l-ghada kellna competition ghant tal-SAG. Qat ma'lejl noqghod innaddaf l-armi noqghod nipraprahom ghal l-ghada u nqala li nqala ghax lanqas nofs siegha wara gara li gara ghax dan xi siegha ta'wara l-nofs in nar mhux bilejl u nqala li nqala - Biss jien hemmhekk ilicenzjat jien, jien ma kellhi ebda intenzjoni li nigri bl-armi fi triq jien. Issa jiena ghandi licenzja id-dar biex nzomm l-armi id-dar , nehodhom id-dar ghar range. Imma umbatt licenzja ta' dealer fuq indirizz iehor. Ghad allura jekk irrid niehu arma minn A ghal B , xi irrid naghmel jien ? I wasn't out of my way.'*

L-appellant fix-xheida tieghu ikkonferma li l-ghada kellu kompetizzjoni. Meta mistoqsi '*U il-licjenzi tieghek, x'inhuma ezattament ?*' wiegeb '*To keep and to carry from home to range - ghax il-ligi tghid hekk .Imma il-hanut jiena , il-hanut, jekk ghandi hanut jiena ...*' Spjega li fil-fabbrika ghandu l-strong room li hi approvata u jaghmel maintenance peress li d-dar ma ghandux facilitajiet li jirranga armi. Xehed li ha l-armi hemmhekk ghax l-ghada kellu competition. Hadhom biex jipreparahom, inaddafhom ghall-ghada filghodu. Xehed li meta jsiefer ipoggi l-afarijiet tieghu kollha fl-strong room ghax aktar sikuri milli jhallihom id-dar. Xehed li l-kompetizzjoni l-ghada kienet filghodu, il-gurnata kollha meta jmissek.

Ikkunsidrat;

L-Ewwel Qorti fis-sentenza appellata kkunsidrat ukoll li '*mill-provi rriżulta li l-imputat huwa persuna li għandu diversi armi u li dejjem aċċerta ruħu li kien in konformita' għal dak li jirrigwarda t-tiġdid tal-liċenzji apparti li huwa range officer u kwindi huwa bniedem li żgur kien dilettant tal-armi in ġenerali. Kwindi l-Qorti ssibha kemxejn diffiċli temmen li l-imputat ma kienx konxju jew ma pprevediex li l-aġir tiegħu kien ser iwassal għall-ksur tal-liġi.*' Din il-Qorti taqbel ma' din il-kunsiderazzjoni.

Ikkunsidrat ukoll li '*matul l-investigazzjonijiet l-imputat lanqas baqa konsistenti fil-verżjoni tiegħu għar-raġuni għalxiex kien fil-pussess tal-armi in kwistjoni. Fl-istqarrijiet tiegħu ddikjara li ħadhom il-fabbrika għal li jista jinqala' u biex iħallihom fl-istrong room filwaqt li meta xehed quddiem din il-Qorti l-protezzjoni tiegħu nnifsu ma ssemmiet imkien u minflok isemmi l-fatt li l-għada tal-inċident kien hemm kompetizzjoni r-range u allura ħadhom miegħu għax kien beħsiebu jqatta' l-lejl hemmhekk u b'hekk kien ser jippreparhom għall-kompetizjoni l-għada filgħodu fejn kien ser jibqa' sejjer dirett mill-fabbrika. Anke jekk dan kien hekk, xorta jibqa' ksur ta' dak ippostulat fil-liċenzja personali tiegħu li tkopri l-armi in kwistjoni u li tgħid ċar u tond li ma jistax jieqaf f'postijiet oħrajn bl-armi u seta' jmur biss*

*diretament mid-dar għar-range u lura.'*[7] Dwar dan, din il-Qorti taqbel li l-verzjoni tal-appellant mhux dejjem kienet konsistenti tant li fix-xhieda tieghu moghtija quddiem l-Ewwel Qorti huwa ma jsemmiex li kien ha l-armi mieghu bhala protezzjoni ghalih innifsu. Kif gia kkunsidrat minn din il-Qorti, il-licenzji in kwistjoni ghalkemm jindikaw l-indirizz residenzjali tal-appellant u ghalkemm jawtorizzaw il-garr tal-armi minn u lejn ir-range, ma tirrizultax kundizzjoni specifika li tghid mir-residenza ghar-range u lura ghar-residenza.

L-appellant fl-appell tieghu ssottometta ukoll li '*Wiehed jistaqsi: (1) Fin-nuqqas ta' dicitura cara fil-licenza l-esponent kellu jaghmel l-istess apprezzament u ezami approfondit? U (2) Fl-eventwalita' ta' risposta fl-affermattiv, jekk wara dan l-apprezzament u ezami approfondit huwa kien tal-fehma opposta, allura jista' jinghad li huwa kellu l-element formali rikjest u spjegat mill-Qorti tal-Magistrati.*'

Din il-Qorti hija tal-fehma li anke jekk wiehed kellu jiskarta fejn l-armi in kwistjoni kellhom jinzammu, ossia kellhomx jinzammu fir-residenza tal-appellant, il-fatt li l-licenzja kienet tawtorizzah mhux biss ghaz-zamma ta' arma tan-nar ghal '*target shooting* ' jew kacca izda li kien awtorizzat ghal garr tal-arma minn u ghal range illicenzjat ifisser li gialadarba huwa dak in-nhar ma kienx fi triqtu lejn ir-range ifisser li kien bi ksur tal-licenzja u tal-artikolu 5(1) tal-Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta' Malta. Din il-Qorti bhall-Ewwel Qorti issibha ferm difficli li temmen li l-appellant ma kienx jaf li l-armi in kwistjoni kellhom jingarru biss minn u lejn ir-range. Anzi' mix-xhieda tal-appellant innifsu jirrizulta li huwa kien konsapevoli ta' dan, tant li jistqarr li '*... jiena ghandi licenzja id-dar biex nzomm l-armi id-dar , nehodhom id-dar ghar range . Imma umbatt licjenza ta' dealer fuq indirizz iehor.*' Jghid ukoll li ma kienx barra minn triqtu, fi kliemu '*I wasn't out of my way .*'. Irrispettivament jekk il-fabbrika kinitx fi triqtu ghar-range jew le, il-fatt li l-kompetizzjoni fejn kien ser juza l-armi kienet l-ghada u mhux dakinhar jikkonferma li huwa kien bi ksur tal-licenzja u li kien jaf li kien bi ksur. Filfatt l-appellant fit-tieni stqarrija tieghu, ossia dik datata l-hmistax (15) ta' Mejju

[7] *Dan joħroġ ċar mill-provi prodotti. Fil-fatt l-imputat kien liċenzjat biez iżomm u jġorr l-armi de quo skont kif speċifikat fil-licenza li kellu. Huwa ma kienx liċenzat biex ikun jista' jgorr dawn l-armi b'mod differenti minn dak li kien speċifikat fil-liċenza. Bħala konsegwenza meta huwa żamm u ġarr dawn l-armi barra minn xi fond b'modalita u f postijiet differenti minn dawk li kienu previsti u stipulati lilu fil-liċenza tiegħu, huwa jiġi li għamel dan mingħajr ma kien debitament liċenzat biex jagħmel dan. Huwa ma setgħax iġorr dawn l-armi barra mill-parametri ta' dak li kienet tipprovdilu l-liċenza mingħajr ma jinkorri fi ksur tal-Artikolu 5 tal-Kapitolu 480 tal-Liġijiet ta' Malta u dan peress li l-liċenza li huwa kellu kienet tipprovdi modalita speċifika ta' kif u fejn dawk l-armi setgħu jinżammu u jiġu meħuda bażata fuq id-disposizzjonijiet tal-Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta' Malta.* (Din tinsab fin-nota ta' qiegh il-pagna numru disgha (9) tas-sentenza appellata)

tas-sena elfejn u hmistax (2015) jghid li wara li ikkalma l-incident pogga il-pistola fil-karozza. Jigifieri lanqas ma poggihom fl-strong room. Kif jirrizulta, il-verzjoni tal-appellant ma baqghetx l-istess tant li kif osservat l-Ewwel Qorti filwaqt li jirrizulta li fl-ewwel stqarrija l-appellant stqarr li kien ha l-armi ghal dak li setgha jinqala fi kliemu '*biex qed nigi rinfaccjat minn xi erba*' *minn nies almenu jkolli biex niddefendi ruhi*' u li hadhom biex ihalihom fl-istrong room filwaqt li fix-xhieda tieghu l-appellant ma jsemmix li hadhom mieghu ghal dak li setgha jinqala jigifieri ghal protezzjoni tieghu nnifsu.

Ghalhekk jirrizulta li kemm l-att materjali kif ukoll formali tat-tieni imputazzjoni gie ippruvat u li l-Ewwel Qorti setghet legalment u ragonevolment issib lill-appellant hati ta' din it-tieni imputazzjoni. Gialadarba ma jirrizultax li l-appellant qieghed jappella mill-piena, din il-Qorti mhijiex sejra tikkunsidra jekk din il-piena hijiex gusta fic-cirkostanzi.

Ghaldaqstant, din il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata.

(ft) Consuelo-Pilar Scerri Herrera

Imhallef

VERA KOPJA

Franklin Calleja

Deputat Registratur